MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 519/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Camilleri Liza May**
**ID594685-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici iddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn sebgha u disghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€1,297.79c) in kwantu ghal disa’ mija sitta u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€996.24c) in konnessjoni ma’ 99038601, u tlett mija u wiehed ewro u hamsa u hamsin centezmu (€301.55c) in konnessjoni ma’ 79656533 gia 79791269 (AC51019473), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratti datati 23 ta’ Jannar, 2010 u 27 ta’ Jannar,2010 rispettivament.

Illi l-ammonti fuq imsemmija jinkludu l-penalitajiet ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti fl-ammonti ta' tlett mija u sebghin ewro (€370) u disgha u sebghin ewro (€79) rispettivament, skont il-kuntratti fuq citati.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2911/12 u bl-imghaxijiet mis-7 ta' Dicembru, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti mehmuza, u li gew immarkati minn Dok.A sa Dok.F.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn sebgha u disghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€1,297.79c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------